IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Lulju 2016

li taħtar membru u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għar-Rumanija

(2016/C 261/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2016 ([2]), il-11 ta' April 2016 ([3]) u d-9 ta' Ġunju 2016 ([4]) il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu mid-29 ta' Frar 2016 sat-28 ta' Frar 2019.

(2) Il-gvern tar-Rumanija ppreżenta nomini oħra għal tliet karigi li għandhom jimtlew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin bħala membru u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2019:

RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS

Pajjiż	Membru	Membri supplenti
Rumanija	Is-Sinjura Mihaela DARLE	Is-Sur Corneliu CONSTANTINOAIA Is-Sur Dumitru FORNEA

Artikolu 2

Il-Kunsill ser jaħtar f'data aktar tard il-membri u l-membru supplenti li għadhom ma ġewx innominati.

([1]) ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2016 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 79, 1.3.2016, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' April 2016 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Greċja, l-Ungerija u l-Iżvezja (ĠU C 130, 13.4.2016, p. 3).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2016 li taħtar membru u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għar-Rumanija (ĠU C 214, 15.6.2016, p. 2).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

Gabriela MATEČNÁ